# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru 2016**

**Numru 20**

**Rikors numru 388/10 AL**

**Emanuela sive Lilly Montebello**

**v.**

**John Mary sive Jimmy Montebello**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan hu appell maghmul mill-intimat minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fit-3 ta' Dicembru 2015 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet fuq it-talbiet attrici billi laqghet it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu: ippronunzjat il-firda personali bejn il-partijiet kagun ta' tkissir irrimedjabbli taz-zwieg ghal tortijiet unikament attribwibbli lill-intimat u, konsegwentement awtorizzat lill-

istess rikorrenti tghix separatament minn ma' zewgha l-intimat; iddikjarat li r-rikorrenti ghandha kreditu parafernali fil-konfront tal-intimat fl-ammont ta' €10,249.67 u konsegwentement ordnat lill-istess intimat ihallas din is-somma lir-rikorrenti; ordnat l-applikazzjoni fil-konfront tal-intimat tal-Artikolu 48[1][a][c] u [d] tal-Kodici Civili; ordnat lill-intimat jivversa lir-rikorrenti bhala manteniment ghaliha s-somma ta' €600 kull erba' gimghat, b'dan li dan l-ammont ghandu jizdied skont l-indici tal-gholi tal-hajja kull sentejn; ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u llikwidataha u assenjatha billi – ordnat li l-vettura numru FAE538 tal-kulur abjad tal-marka Toyota tigi mibjugha fis-suq miftuh u r-rikavat ta' dan il-bejgh jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet u, fin-nuqqas, li din il-vettura tinbigh bis-subbasta, tordna wkoll lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' €72,252 rapprezentanti s-sehem taghha minn negozju tal-gazzetti tal-konvenut.

2. L-intimat appella minn din is-sentenza u qed jitlob li, ghar-ragunijiet indikati minnu fir-rikors tal-appell tieghu, is-sentenza appellata tigi revokata in toto u l-eccezzjonijiet tieghu jigu milqugha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellata. Minn naha taghha r-rikorrenti fir-risposta taghha, u ghar-ragunijiet hemm indikati, qed titlob li l-appell tal-intimat jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata bl-ispejjez kollha a kariku tal-istess intimat.

## Is-Sentenza Appellata

3. Fir-rikors promotur taghha r-rikorrenti ppremettiet u talbet hekk:

"Illi b'Digriet Numru: 1346/10 - AF, datat 9 ta'Settembru, 2010, fl-ismijiet ,"Emanuela Montebello - vs – John Mary Montebello", fl-Atti tal-Ittra tal-Medjazzjoni Numru: 576/10 - BOB, din il-wisq Onorabbli Qorti ppreseduta mill-Onorevoli Imhallef Anna Felice, LL.D., iddikjarat 'li l-Medjazzjoni hija maghluqa u tawtorizza lil Emanuela Montebello tipprocedi b'kawza ghas-Separazzjoni Personali': ara l-anness Dokument LL1;

1. "Illi l-kontendenti konjugi Montebello inghaqdu fiz-zwieg fir-Registru Pubbliku ta' Malta, Taqsima Registru taz-Zwigijiet gewwa l-Belt Valletta nhar it-18 ta' Awwissu, 1990 u cioe' ghoxrin sena ilu u kwazi tliet xhur wara li kien ilhom sittax-il sena jikkoabitaw flimkien kif anke taghti hjiel id-dikjarazzjoni li hemm inserita fil-vera kopja ta' l-Att taz-Zwieg tal-partijiet kontendenti li ggib in-Numru tal-Iskrizzjoni 1452 tal-20 ta' Awwissu, 1990 u dan skond ma jindika l-vera kopja awtentikata tad-Dokument hawn mehmuz LL2 vide l-Elenku tad-Dokumenti;

2. "Illi ghalhekk bejn il-kontendenti konjugi Montebello hemm differenza ta' tmien snin fl-eta' fejn ir-Rikorrenti hija akbar bi tmien snin mill-Intimat zewgha, ikkoabitaw ghal sittax-il sena shah parti minn din il-koabitazzjoni gewwa l-Awstralja fejn kellhom tliet itfal flimkien fl-1975, fl-1983, u fl-1985, liema tliet itfal illum huma lkoll maggorenni, liema stat ta' tliet ulied legalment kien gie regolarizzat kif ukoll jirrizulta mill-anness Dokument LL2 fil-Premessa precedenti;

3. "Illi r-Rikorrenti wettqet il-Proceduri tal-Medjazzjoni bit-tama li tasal ghal Kuntratt ta' Firda Legali bejn il-partijiet imma minhabba l-agir da parti tal-Intimat / Konvenut dan ma rnexxiex u ghalhekk ir-Rikorrenti kellha tirrikorri ghall-kawza odjerna wara li ottjeniet id-Digriet minn din il-Qorti skond il-Ligi u fejn - inter alia - ir-Rikorrenti qeghda tirreferi ghal katina shiha ta' vjolenza domestika li ghaddiet minnha mill-lat tal-Intimat / Konvenut, kif ukoll adulterju a bazi ta' Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. "Illi, ir-Rikorrenti qeghda tindika bic-car il-vjolazzjonijiet tal-Intimat / Konvenut zewgha li jirriflettu l-Artikoli 37,38,39, 40, u 41 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-eventwali konsegwenzi fattwali u legali li anke sejrin jigu nkluzi fit-Talbiet tar-Rikorrenti fit-Tieni Taqsima tar-Rikors Guramentat odjern;

5. "Illi ghaldaqstant din il-kawza qeghda ssir a bazi tal-Artikoli tal-Kodici Civili partikolarment Artikoli 37,38,39,40 u 41 u ghaldaqstant fic-cirkostanzi l-Firda Legali Konsenswali ma setghetx issehh b' tort

unikament atribwibbli lill-Intimat / Konvenut John Mary sive Jimmy Montebello: Id Number 613854(M), u ghaldaqstant bl-akbar umilta' r-Rikorrenti issa qeghda titlob b'diversi Talbiet biex din il-wisq Onorabbli Qorti taghti s-Sentenza definittiva taghha fic-cirkostanzi tal-fatti nkwadrati mill-Ligi kif hawn qeghdin bil-gurament jigu umilment sottomessi mir-Rikorrenti;

6. "Talbet li l-Intimat / Konvenut John Mary sive Jimmy Montebello; Id number 613854(M) jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex u tiddeciedi u tordna illi:-

"**<u>TALBIET TAR-RIKORRENTI</u>**

i. "Iz-zwieg ikkontrattat fir-Registru Pubbliku ta' Malta gewwa l-Belt Valletta skond id-dettalji ndikati fid-Dokument LL2 fir-Raba' Taqsima "Elenku tad-Dokumenti" ma' din il-kawza odjerna ghandu jigi aggudikat bhala li tkisser irremidjabilment minhabba tortijiet unikament attribwibbli lill-Intimat / Konvenut John Mary Montebello : Id Number 613854(M) u dan a bazi tal-Artikoli 37, 38, 39, 40 u 41 tal-Kapitolu 16 tat-Ligijiet ta' Malta, b'referenzi jekk il-Qorti jidhrilha xieraq w opportun ukoll ghal Artikoli relattivi mill-Kapitoli 9, 481, u 12 tal-Ligijiet ta' Malta skont kif indikati fl-Artikoli promoturi mill-Kapitolu 16 ta' l-istess Ligijiet ta' Malta;

ii. "Tali firda personali moghtija b' Sentenza minn din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha tintemm, ghall-effetti kollha civili, l-obbligu ta bejn il-kontendenti konjugi Montebello li jghixu flimkien u b'hekk tigi kkonfermata l-firda de facto gia fis-sehh bejn il-partijiet kontendenti kif irrizulta fil-mori ta' din il-kawza;

iii. "Il-proceduri tal-Medjazzjoni li sehhew u sfumaw fix-xejn minhabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tal-Intimat / Konvenut ghandhom jigu kkonfermati li huma validi abazi ta' Artikolu 37 tal-Kodici Civili u dan minhabba t-Talbiet li gia sehhew u ohrajn li jridu jsegwu partikolarment fil-konfini tal-ammont tas-somma ghall-manteniment xierqa li r-Rikorrenti qeghda tippretendi apparti mill-likwidazzoni gusta tal-Kommunjoni tal-Akkwisti li ghandha tikkomprendi l-krediti li ghandha l-istess Rikorrenti fuq il-Kommunjoni tal-Akkwisti minhabba dak li sehh fis-sittax-il sena kemm ir-Rikorrenti u l-Intimat damu jikkoabitaw flimkien sakemm eventwalment izzewgu kif indikat u dokumentat fl-Atti Processwali ta' din il-kawza odjerna;

iv. "Partikolarment ghandha ssir referenza ghall-Artikolu 37 sub-artikolu (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni s-snin ta' vjolenza domestika fuq il-persuna tar-Rikorrenti da parti tal-Intimat u li rimedji f'forma ta' danni likwidati jigu moghtija lill-istess Rikorrenti minhabba t-theddid kontinwu li kien ikollha da parti tal-Intimat biex ma tirrraportax il-vjolenza domestika li kienet qeghda ssehh regolarment fuq il-persuna tar-Rikorrenti u fl-ambjent fejn kienet tghix u precedentement tikkoabita ma l-istess

intimat / Konvenut, b'referenzi jekk huwa l-kaz lejn il-Qorti Kriminali u awtoritajiet ohra kompetenti ghal kwalsiasi azzjoni li dawn ikunu jistghu jiehdu kontra l-Intimat / Konvenut u biex jissalvagwardaw u jipprotegu l-persuna u l-interessi tal-istess Rikorrenti / Attrici;

v. “Mehud in konsiderazzjoni n-nuqqas ta' frekwentazzjoni ghall-atti intimi da parti tal-Intimat tul dawn l-ahhar snin, u l-imgieba extra maritali da parti tal-istess Intimat, l-istess John Mary Montebello ghandu jigi misjub li kien hati tal-adulterju min-naha tieghu fir-rigward tar-Rikorrenti u ghalhekk din ghandha tkun raguni ohra imma mhux l-unika wahda ghala l-Firda Legali ghandha tkun moghtija minn din il-wisq Onorabbli Qorti;

vi. “Jekk ikun il-kaz ghandhom ikunu applikati l-Artikolu 39 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta pero' certament ghandu jkun applikat l-Artikolu 40 ta' l-istess Kapitolu 16 minhabba li evidentament l-Intimat / Konvenut huwa hati ta' eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi kontra r-Rikorrenti / Attrici u fic-cirkostanzi minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex aktar possibbli ghaliex iz-zwieg illum tkisser irrimedjabilment minhabba tortijiet unikament attribwibbli lill-istess Intimat / Konvenut li ghandu n-numru tal-Karta tal-Identita' 613854(M);

vii. “Ghandu jkun applikat fir-rigward tal-Intimat / Konvenut l-Artikolu 41 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta bhala raguni ohra ghala t-talba ghall-Firda Legali qeghda ragjonevolment u legalment gustifikabbli ssir da parti tar-Rikorrenti f’dan ir-Rikors Guramentat odjern;

viii. “L-Artikolu 44 ghandu wkoll ikun applikat fir-rigward tal-kontendenti konjugi Montebello, kif ukoll jekk jirrizulta lil din il-wisq Onorabbli Qorti l-Artikolu u l-effetti tieghu 46 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta'Malta;

ix. “Konsiderando l-abbandun da parti tal-Intimat u t-tbatija da parti tar-Rikorrenti, il-Qorti hija mitluba li tikkonsidera l-effetti tal-Artikolu 46 A tal-Kodici Civili fir-rigward is-somma tal-manteniment skont il-bzonnijiet ta' l-istess Rikorrenti u skont il-mezzi tal-Intimat ‘u meta jitqiesu wkoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-partijiet', skond kif titlob il-Ligi;

x. “Ghandu jkun applikat favur ir-Rikorrenti u kontra l-Konvenut l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili bhala konsegwenzi minhabba li r-ragel bi provi ta lok ghall-Firda skont kif jirrizulta fl-mori tal-kawza u mill-Atti Processwali partikolarment fid-dawl tal-Artikoli 38 u 41, ir-ragel ghandu jitlef dak stabbilit fil-paragrafu (a), (b), (c), u (d) tas-sub-arrikolu (1) tal-istess Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li dan ghandu jkun applikat ukoll fid-dawl tas-sub-artikolu (2) tal-istess Artikolu 1 tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

xi. “Ghandu jkun applikat fir-rigorozita' kollha tieghu l-Artikolu 51 tal-Kapitolu 16 a favur l-Attrici u decizament kontra l-Konvenut u dan fid-

diskrezzjoni ta’ din il-wisq Onorabbli Qorti a bazi tal-provi mressqa fil-mori ta' din il-kawza u fl-Atti Processwali tal-istess;

xii. “Ghandhom ikunu applikati l-effetti tal-Artikolu 53 tal-istess Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta a favur ir-Rikorrenti u kontra l-istess Intimat;

xiii. “Ghandu jkun applikat l-Artikolu 54 sub-artikoli (1) sa (7) tal-Kodici Civili partikolarment dwar l-obbligu tal-manteniment da parti tal-Intimat fir-rigward tar-Rikorrenti mehud in konsiderazzjoni l-kriterji tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 54 jew inkella meqjus il-karattru ta' l-istess Intimat is-sub-artikolu (3) tal-istess Artikolu 54 meta tqies l-eta' tar-Rikorrenti, u l-krediti li l-istess Rikorrenti ghandha mal-Intimat ghall-perjodu li kkoabitat mieghu qabel sehh iz-zwieg fl-1990 u dan a bazi tal-provi mressqa fil-mori ta' din il-kawza, inkluz il-possibilita' li bhala ekwaparazzjoni jigi kkunsidrat is-sub-artikolu (6) tal-istess Artikolu 54 dejjem tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan favur ir-Rikorrenti u kontra l-istess Intimat zewgha;

xiv. “Ghandu jkun ukoll applikat l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward ta' meta tieqaf il-Kommunjoni tal-Akkwisti waqt li jittiehed ukoll in konsiderazzjoni s-somom ta' flus sostanzjali li r-Rikorrenti ghaddiet lill-Intimat fil-perjodu li kienu qeghdin jikkoabitaw flimkien u minn liema somom l-Intimat / Konvenut ibbenefika f’diversi oqsma partikolarment xiri ta' proprjeta' mmobiljari apparti mit-tberbiq b'mod irresponsabbli ta' ammont sostanzjali minn dawn l-istess somom;

xv. “Ghandu jigi meqjus jekk fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz partikolari w it-Talbiet precedenti li gew sottomessi ghandux jittiehed in konsiderazzjoni l-Artikolu 55A tal-Kodici Civili u dan wara li l-Qorti tikkonsidera r-residenzi rispettivi w attwali tal-partijiet kontendenti fejn ir-Rikorrenti tirrisjedi fiz-Zejtun u l-Intimat fix-Xghajra limiti ta Zabbar - Malta biss fi proprjeta' akkwistata u mixtrija minn flus ir-Rikorrenti li kienu parafernali taghha, kif irrizulta fl-mori ta' din il-kawza u mill-Atti Processwali;

xvi. “ Ghandu jkun applikat l-effetti tas-sub-artikolu (3) tal-Artikolu 60 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghal dak li huwa l-wirt bejn il-kontendenti konjugi kif ukoll li l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni wkoll l-effetti tat-Artikoli 62A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta rigward effetti li jirrigwardaw it-terzi;

xvii. “Ghandhom ikunu applikati fuq direttivi tal-Qorti jekk ikun il-kaz is-sub-artikolu (2) tal-Artrkolu 64 u l-Artikolu 66 tal-istess Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. “Illi din il-wisq Onorabbli Qorti qeghda wkoll tigi mitluba sabiex fic-cirkostanzi tordna li l-ispejjez kollha gudizzjarji w extra gudizzjarji jigu sopportati u jkunu a karigu ta' l-istess Intimat John Mary sive

Jimmy Montebello: ID Number 613854 (M), u lir-Rikorrenti jkollha dawk il-fakultajiet kollha li taghmel u / jew tiehu dawk il-passi jew proceduri mehtiega biex l-interessi kollha taghha jkunu salvagwardati skont il-ligi, u dan partikolarment ukoll anka ghar-ri-imborzar ta' ammonti ta' manteniment jew likwidazzjoni ta' somom dovuti lill-istess Rikorenti / Attrici dovuti lilha skond kif tiddetermina l-Qorti abazi tal-provi mressqa f'din il-kawza odjerna nkluz rimedji ghad-danni li l-istess Rikorrenti \ Attrici tkun sofriet minhabba l-abbuzi fizici u psikologici kommessi da parti tal-Intimat / Konvenut kif ikun irrizulta fil-mori ta din il-kawza;

8. "Illi r-Rikonenti qeghda tgharraf lil din il-wisq Onorabbli Qorti li hija qeghda tirriserva kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lilha kontra l-Intimat / Konvenut ghall-iskopijiet ta' enforzar u likwidar ta' ammonti jew rimedji ta' beneficcju ghall-istess Rikorrenti fid-dawl tad-decizjoni ta' din il-wisq Onorabbli Qorti a bazi tat-Talbiet Attrici kif hawn fuq suesposti;

9. "Bl-ispejjez kollha gudizzjarji u / jew extra gudizzjarji, koperti kull Att Gudizzjarju direttament u / jew indirettament konness ma' dawn il-proceduri odjerni, kontra l-Intimat / Konvenut John Mary sive Jimmy Montebello: Id number 613854 (M)".

4. Fir-risposta guramentata tieghu l-intimat issolleva s-segwenti eccezzjonijiet:

1) "Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalsiasi kaz, fil-mertu ta' din il-kawza, jirrespingi l-pretensjonijiet u t-talbiet attrici bhala in infondati fil-fatt u fid-dritt;

2) "Illi b'riferenza ghall-ewwel talba attrici, iz-zwieg ikkontrattat bejn l-konjugi Montebello tkisser irrimedjabbilment stante nuqqasijiet li huma attribwibbli lil konjugi b'mod ugwali peress li l-hajja flimkien ma ghadhiex aktar possibbli ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant huwa ingunt illi l-konvenut ibati wahdu u b'mod esklussiv il-htija ta' din il-firda personali kif ser jigi gustament ippruvat;

3) "Illi b'riferenza ghat-tieni talba attrici, il-konvenut jaqbel li l-firda personali *di facto* ezistenti bejniethom u li issa ilha f'dan l-istat ghal dawn l-ahhar sentejn u fuqhom ghandha tintemm kemm ghall-effetti kollha civili kif ukoll ghall-obbligu ta' bejn il-konjugi li jghixu flimkien, u tigi kkonfermata l-firda personali *de jure* b'decizjoni ta' din il-Qorti;

4) "Illi b'riferenza ghat-tielet talba attrici, il-konvenut jichad kategorikament illi l-attrici kellha jew ghad ghandha, kwalsiasi kreditu fil-konfront tal-konvenut qabel iz-zwieg u in kwantu ghal sehem l-attrici

mill-Komunjoni tal-Akkwisti wara li gie kkuntrattat iz-zwieg bejniethom fir-Registru Pubbliku ta' Malta nhar it-18 ta' Awissu 1990, il-konvenut jossottmetti illi l-Komunjoni tal-Akkwisti ghandha tigi diviza f'zewg porzjonijiet ugwali bejniethom. Jigi rilevat ulterjorment da parti tal-konvenut li l-proceduri tal-medjazzjoni li sehhew qabel dawn il-proceduri kienu indirizzati biss min-naha tal-attrici sabiex jigi miftiehem ammont gust ta' manteniment. Dawn il-proceduri ma tterminawx b'success minhabba nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fuq l-ammont u ghaldaqstant il-konvenut jichad kwalunkwe allegazzjoni li kien hemm xi forma ta' agir hazin da parti tieghu;

5) "Illi b'riferenza ghar-raba', l-hames, is-sitta, s-seba, t-tmienja, d-disa', l-ghaxar, l-hdax u t-tnax talba attrici, l-konvenut jichadhom *in toto;*

6) "Illi b'riferenza ghat-tlettax talba attrici, l-konvenut ma jsib ebda oggezzjoni li jekk din il-Qorti thoss li huwa xieraq u opportun fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, li huwa jkun obbligat jivversa ammont bhala manteniment ghal parti l-ohra, salv li tali manteniment ghandu jkun wiehed gust tenut kont tal-introjtu prezenti tal-istess konvenut kif ukoll tal-mezzi tal-attrici u l-possibiita' li hija tmantni lilha nnifisha, kif gustament ser jigi ppruvat;

7) "Illi b'riferenza ghall-erbatax talba attrici, il-konvenut jaqbel li per konsegwenza ta' din il-procedura ghandu jigi applikat l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 minghajr pregudizzju ghal dak kollu li huwa parafernali ghaz-zewg partijiet;

8) "Illi b'riferenza ghall-hmistax-il talba attrici, il-konvenut jaqbel illi ghandu jigi applikat l-Artikolu 55A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dana illi huwa ghandu jitlef id-dritt ta' abitazzjoni fid-dar matrimonjali taz-Zejtun li hija parafernali tal-attrici;

9) "Illi b'riferenza is-sittax u s-sbatax talba attrici, il-konvenut jiddikjara li llum ormai ghal dawn l-ahhar sentejn u fuqhom, il-kontendenti ilhom jghixu ghal rashom fi djar separati u parafernali taghhom, b'dana illi ma ghandux jkun hemm ebda diffikulta u dan ukoll minghajr oggezzjoni da parti tieghu sabiex din il-Qorti tapplika l-Artikoli 60(3), 62A, 64(2) u 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

10) "Salv eccezzjonijiet ulerjuri u bl-ispejjez kollha gudizzjarji jew extra-gudizzjarji relatati ma dawn il-proceduri kontra l-attrici li minn issa hija ngunta wkoll in subizzjoni".

5. L-ewwel Qorti waslet ghal decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet relatata maz-zwieg taghhom li sehh fit-18 t'Awissu 1990. Min-naha tieghu, l-konvenut jaqbel li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment pero' jsostni li dan sehh ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-partijiet b'mod ugwali. Jigi rilevat li l-konvenut ma ressaq l-ebda kontro-talba.

"**<u>Verzjoni attrici</u>**

"Illi l-attrici, permezz ta' affidavit estensiv[1], tghid li qabel iz-zwieg mal-konvenut hija kienet mizzewga lil ragel iehor u marru jghixu l-Awstralja wara hmistax-il gurnata mill-gurnata tat-tieg taghhom, izda ftit wara hija hadet id-divorzju u dan fis-sena 1973. Hija ltaqghet mal-konvenut fl-Awstralja u ghamlet sittax-il sena tikkoabita mieghu u sittax-il sena ohra mizzewga lilu u ilha *de facto* separata minnu minn Jannar 2006. Hi tkompli tghid li matul iz-zwieg u l-koabitazzjoni mal-konvenut kull ma rat minn zewgha kien niket, biki, swat u vjolenza, kemm fizika u kemm psikologika fuqha. Hija kellha tlett itfal minn dan iz-zwieg li llum huma kollha maggorenni u jishimhom Sharon, Clint u Brian. L-Awstralja kienet tahdem u damet impjegata sa Mejju 1974. Hi tghid li ftit xhur wara li kienet iltaqghet mal-konvenut, harget tqila bit-tifla taghha. Welldet f'Jannar 1975 u bdiet tiehu l-ghajnuna socjali mill-Awstralja. Hi ssemmi li miz-zmien li kienet ilha l-Awstralja r-ragel taghha kien diga' beda jerga' jdejh fuqha u fil-fatt darba minnhom taha daqqa go wiccha, qasmilha wiccha u ghamlet disa' gimghat biex giet prezentabbli, u waqt li kien qed jehodha l-isptar il-konvenut beda jheddidha biex ma tghidx x'gara bejniethom. Kien jghajjarha li ma setghetx twelled peress li t-tarbija kienet wellditha cesarja. Il-konvenut u missieru issuggerew li jergghu jmorru Malta u hi zzid tghid li ma riedx jistenniha tirranga l-affarijiet biex tinzel Malta mieghu. Missier il-konvenut Joseph Montebello kien wieghed lill-partijiet li ser jaghtihom post fejn joqghodu r-Rahal Gdid u l-permess tat-taxi biex il-konvenut ikun jista' jahdem bih. Il-permess tat-taxi gie trasferit lir-ragel taghha fis-sena 1978 u huwa l-permess tat-taxi 69 u hi kienet thallas il-kontribuzzjonijiet kollha tas-sigurta' socjali ghaliex ir-ragel taghha ma kienx jahdem u lanqas ma kellu flus imfaddlin.

Hi kienet thallas dawn il-flus mill-flus li kellha u anke mic-*children's allowance* tat-tfal u dan sas-sena 2000. Hi tirrakkonta kif darba gie z-ziju tar-rispett tal-konvenut id-dar u saqsa lil missier John Mary jekk

[1] Ezebit a fol 30 tal-process allegat mal-process ta' din il-kawza li huwa 467/2008AF

riedx li jixtri dar li kienet 115, Palma Street, Paola u s-sid kull ma ried ghaliha kien Lm350. Din id-dar kien fiha inkwilin. Il-konvenut talabha erba' mitt lira Maltin (Lm400), hi tghid li ma riditx imma bilfors kellha taghtih il-flus ghax kienet tibza' hafna minnu u sahansitra bir-rabja tat daqqa fuq it-trunk tal-hadid li ghadha marka u fil-fatt b'dan il-flus il-konvenut xtara din id-dar minghajr hi ma kienet taf. Ftit wara, l-konvenut kien qalilha li din id-dar xtraha f'ismu, u kien jibghatha tmur tigbor il-kera u taghtiha lill-missieru, haga li hi kienet taghmel dak iz-zmien. Fis-sena 1978 l-attrici ssemmi li fuq insistenza ta' missier il-konvenut, il-konvenut kien kera l-permess tat-taxi (li l-flus tal-kera kien jehodhom l-istess missieru) u hadu hanut tax-xorb fix-Xghajra izda hi kienet tgerger ma zewgha dwar dan, peress li qatt ma kienet tara flus mill-hanut u dan meta kull nhar ta' Gimgha kien ikollha thallas mitejn lira f'xiri ta' stock. Darba kellha argument mal-konvenut fuq hobza u beda jheddidha li se johdilha t-tifla u hi ma resqitx izjed lejn il-hanut bil-konsegwenza li l-konvenut kellu jnehhih. Ir-ragel taghha baqa' dejjem gej ghandha ghal flus fi kwantitajiet konsiderevoli bhal tliet mija, erba' mija u , sitt mija maltin u kien jixrob u jilghab u s-swat baqa` jizdied. Meta kienet tistaqsih dwar x'qieghed jaghmel bil-flus, kien jghidilha li huma mfaddlin u wara saret taf li kien mar ma' missieru jixtri art fix-Xghajra. Fis-6 ta' Frar 1978 l-attrici xtrat bicca art f'Haz-Zabbar u bnietha u marru jghixu hemm izda ghamlet hemm xahrejn biss ghaliex il-konvenut kien ikun id-dar u dejjem bil-glied u jaghmel l-istorbju, it-tifla kienet tmur skola `l boghod u kien halla lit-tifla l-iskola tistenna wahedha xi darbtejn u ghalhekk l-attrici ma riditx tibqa' hemmhekk. F'Dicembru 1980 l-attrici bieghet id-dar ta' Haz-Zabbar u xtrat id-dar tal-genituri taghha. Hi tirrakkonta li kienet dejjem vittma ta' vjolenza domestika, senjtament ghaliex darba wahda f'nofs ta' lejl (fis-sena 1981) il-konvenut gie d-dar fis-sakra ma wiehed ragel u talabha tlett mitt lira Maltin, hi qaltlu li ma kellhiex flus u mar iwassal lir-ragel, lit-tifla tefaghha fil-karozza barra u beda jsawwatha, kif tatu l-flus , l-attrici harget barra u baqa' jigri ghal warajha b'sikkina. Fis-sena 2000 kellha wkoll incident ta' vjolenza domestika mal-konvenut u zzid tghid li wara dawn l-incidenti gieli marret ghand tobba ghalkemm qatt ma hadet passi kontra r-ragel taghha. Fil-fatt l-attrici tghid li hafna drabi jekk il-konvenut kien jara li l-attrici ma sajjritx dak li jkun irid jew ma tkunx ghaddiet il-hwejjeg li jkun irid, kien jaqla storbju shih u din kienet xi haga regolari. Is-sahha ta' missier il-konvenut bdiet tmur lura u beda diehel u hiereg l-Isptar, u l-istess missier il-konvenut talab lill-partijiet imorru jghixu mieghu u l-attrici ipproponiet li jmorru jghixu fix-Xghajra, ftehmu li huma joqghodu fil-maisonette ta' fuq u missieru joqghod fil-maisonette t'isfel, u hi spiccat iddur b'missieru waqt li omm il-konvenut kienet dejjem tmur tilghab it-tombla u l-konvenut kien ikun dejjem barra. Il-konvenut ammetta ma' l-attrici li gieli ta l-flus li kienet

ittih hi lil missieru u skopriet li fid-dar tal-Fgura missieru kellu kaxxetta ta' l-injam taht is-sodda u c-cavetta kienet tkun taht is-saqqu biex meta jkollu bzonn il-konvenut kien jiehu l-flus. Hija xehdet li kienet tat hames mitt lira (Lm500) lill-konvenut li kien tahom lil missieru li "sadanittant kien bena fuq parti mill-art li kien fadal fix-Xghajra", izda dawn hadithom meta miet missier il-konvenut mill-flus li qasmu li kienu l-bank. Il-konvenut kien beda jikteb ittra lil huh li kien l-Awstralja li fiha jghid li hu qatt ma hadem f'ghoxrin sena shah u dan wara l-mewt ta' missieru. shah. Gurnata minnhom meta t-tifel kellu ghaxar xhur, il-konvenut kien mar jaghmel storbju fid-dar u wara li ghamel gurnata jixrob, hija qabdet u hadet lit-tfal f'Merhba Bik, Hal-Balzan. Wara izzewget lill-konvenut f'Awissu 1990 u dan wara sittax-il sena ta' koabitazzjoni. L-attrici tghid li zzewgu wara l-mewt ta' missier il-konvenut u tissuspetta li missieru ma riedhomx jizzewgu. Wara z-zwieg, il-konvenut xorta baqa' qatt ma nbidel, dejjem aggressiv, swat, dejjem gej ghal flus u t-tlett it-tfal rabbiethom wahedha. Qatt ma zammet record ta' kemm tatu flus imma tghid li kellha wirt tajjeb minghand il-genituri taghha u kienet tiehu l-imghaxijiet mill-Awstralja tal-flus li kellha imfaddlin hemmhekk u kienet tiehu ukoll cekk ta' *single mother* mill-Awstralja. Xi zmien wara, l-konvenut kien kera l-permess tat-taxi lil terzi persuni ghas-somma ta' hamsa u tletin lira Maltin fil-gimgha u kien jaghtihomlha ghall-hajja, imma tghid li rari kien jaghtiha s-somma shiha ghax kien iberbaqaha. Il-konvenut kien ukoll imur jilghab il-karti ghand wiehed ragel, izda meta kien miet beda jgib il-klikka tal-loghob id-dar u hi kienet toqghod tistennih fil-garaxx sakemm ilesti. Dejjem kienet thallas hi bejn is-sena 1989 sas-sena 1995 il-kontijiet ta' l-elettriku u c-cens tad-dar tal-Fgura ta' missier il-konvenut u fis-sena 1995 il-konvenut biegh wahda mill-maisonettes tax-Xghajra, u dan peress li hija kienet tghidlu li kien qieghed jghix minn fuqha. Fis-snin 2000 u 2002 il-konvenut kien imur jghin persuna jqassam il-gazzetti, sakemm fis-sena 2004 beda jaghmel dan ix-xoghol hu u beda jdahhal madwar seba' mitt lira Maltin fix-xahar li minnhom huwa qatt ma kien jaghti xejn lill-attrici, kien baqa' jaghtiha l-hamsa u tletin lira (Lm35) (kera tal-permess tat-taxi) fil-gimgha biex hi tghajjex bihom hamsa min-nies. Fis-sena 2006, mietet ommu u wara l-funeral huwa ma resaqx izjed lejn id-dar matrimonjali, u l-partijiet ftehmu li jifthu kont il-bank biex jibda jaghtiha l-flus, u taha ftit flus sa Ottubru 2007, u wara ma tahiex izjed flejjes. L-attrici zzid tghid li marret l-Awstralja fejn huha u kif saqsiet lir-ragel taghha ghal-liema raguni ma kienx qed jaghtiha manteniment, kien qalilha biex tmur tkellem avukat. Hi zzid tghid li intavoltat din il-kawza mhux ghaliex riedet imma ghaliex qatt ma basret li kien ser jitlaq lil uiedu, u hasset li peress li tatu hafna flus f'hajjitha kellu jistmaghha ahjar minn hekk.

"Fil-kawza l-attrici tixhed viva voce hafna drabi u tikkonferma dak li qalet fl-affidavit hawn imsemmi. L-ewwel darba li tixhed hija fl-24 ta' Jannar 2012[2] fejn hi tghid li f'dawn is-sitt snin kemm ilha de facto separata minn mal-konvenut huwa qatt ma taha manteniment u taf li jqassam il-gazzetti apparti li ghandu l-kera tat-taxi numru 69. Hija tghid ukoll li tircievi pensjoni mill-Awstralja ta' bejn erba' mija u tletin Ewro (€430) u erba' mija u hamsin Ewro (€450) fix-xahar, u kienet tircievi xi ghajnuna mis-Sigurta' Socjali izda talbuhomlha lura. Fix-xiehda taghha datata 30 ta' Jannar 2012[3] hija tipprezenta xi dokumenti kif ukoll zzid li bhala qliegh ghandha wkoll kera ta' tlett garaxxijiet li huma propjeta' personali taghha. Fix-xiehda taghha datata 20 t'April 2012[4] hi zzid tghid li kienet harget tahdem kif ukoll li talbet lill-konvenut biex tiehu l-post iz-zghir li hallset bi flusha u li ghamel fuq ismu. F'din ix-xiehda ssemmi li fix-Xghajra kien hemm zewg flats li wiehed minnhom kien gie mibjugh fis-sena 1996. L-attrici terga' tixhed fit-12 ta' Gunju 2012[5], hawnhekk issemmi xi haga gdida u cioe` li kien hemm ktieb tal-bank b'ammont ta' Lm1049 li kienu flus li baghtet hi mill-Awstralja li gew mill-bejgh tal-karozza taghha, dawn il-flus il-konvenut tahhom lil missieru. Hi zzid tghid li tal-plot ix-Xghajra li l-konvenut kien xtara f'ismu hija harget Lm800. Hi tghid li sakemm inbnew zewg plots mill-erba` plots tax-Xghajra, il-konvenut kien jigi ghal ammonti ta' Lm200 u Lm300 kull darba. Hi ssemmi dwar l-istess plots li fi plot minnhom hemm zewg flats u nbiegh il-flat ta' fuq u l-iehor juzah hu, u z-zewg plots l-ohra nbieghu lil zijtu ghall-ammont ta' Lm500 u l-plot l-ohra nbiet u nbieghet gebel u saqaf. L-attrici terga' tixhed fit-12 ta' Lulju 2012[6] u tipprezenta diversi dokumenti. L-attrici terga' tixhed fil-11 ta' Dicembru 2012[7] u tghid li hija qed tippretendi li dak il-bini li xtara l-konvenut fix-Xghajra hi ghandha nofshom. Hija terga' tixhed fil-31 ta' Jannar 2013[8] u ma zzid xejn gdid ma' dak li diga' xehdet, u terga' tixhed fil-21 ta' Marzu 2013[9]. Finalment, fis-seduta datata 29 t'April 2013[10], hija tipprezenta affidavit ulterjuri[11] u tghid li l-flus qatt ma kienet titfaghhom il-bank, il-flus taghha kienet thallihom id-dar. Hi tiftakar li kienet tat lill-konvenut ammonti f'salt, Lm400 biex thallas il-post f'115, Triq Palma, Rahal Gdid, Lm800 kien hadhom f'darbtejn biex hallas il-plots f'Triq Carmelo Ritchi, Xghajra, Lm500 biex taghhom lil missieru, Lm500 meta cemplet ommu u

[2] Ara fol 100 tal-process
[3] Ara fol 105 tal-process
[4] Ara fol 201 tal-process
[5] Ara fol 210 tal-process
[6] Ara fol 215 tal-process
[7] Ara fol 260 tal-process
[8] Ara fol 272 tal-process
[9] Ara fol 276 tal-process
[10] Ara fol 279 tal-process
[11] Dok EDB1 ezebit a fol 282 tal-process

talbithomlu darba filghodu, kien cempel mill-airport biex tlestihom ghax kien gej ghalihom, Lm300 meta kien gie ma ragel iehor id-dar, Lm450 hadhom mill-ventilatur, Lm300 biex thallas il-kuntrattur tal-bini tax-Xghajra, bolla li hallset tas-Sigurta' Socjali kif ukoll spejjez ohra ta' kuljum. Hi tghid li llum ghandha sebgha u sittin sena u li hi trid li l-propjeta' li l-konvenut xtara qabel iz-zwieg iddur fuq ishimha. Hi tghid li l-post li jinsab 'Sharon', Triq Carmelo Ritchie, Xghajra, post u garaxx iehor fi Triq Carmelo Ritchie Xghajra u post li jinsab f'115, Triq Palma, Rahal Gdid jigu kollha assenjati lilha ghaliex dawn inxtraw mill-konvenut wahdu bi flusha. F'dan l-affidavit l-attrici tghid li hemm vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAE538 ta' kulur abjad tal-marka Toyota li wkoll qed tghid li nxtrat bi flusha.

"**Verzjoni Konvenut**

"Il-Qorti m'ghandha l-ebda informazzjoni dwar il-verzjoni tal-konvenut jew x'jippretendi f'din il-kawza ghaliex il-konvenut ma jaghti l-ebda forma ta' xiehda u lanqas ipprezenta xi dokumentazzjoni. Salv ir-risposta guramentata tieghu ipprezentata fl-atti[12], ma hemm l-ebda prova mressqa min-naha tieghu biex din il-Qorti tkun tista' tgharbel u tizen il-verzjoni tieghu f'din il-kawza. Dan gara peress li huwa qatt ma tella' provi u ghalhekk il-Qorti iddikjarat il-provi tieghu maghluqa[13] fil-verbal datat 8 t'April 2014.

"**Provi migbura quddiem il-Qorti**

"L-attrici tellghet persuna wahda bhala xhud, lit-tifla tal-partijiet, Sharon Montebello li l-ewwel xehdet permezz ta' affidavit[14]. Ix-xhud tikkorrobora hafna mill-affarijiet li qalet l-attrici. Hi tiftakar li meta kienu l-hanut tax-xorb li kellu missierha l-konvenut, kienet tiftakar hafna nies jilghabu l-karti, nies fis-sakra li maghhom kien ikun hemm missierha l-konvenut, dan jikkorrobora dak li qalet l-attrici dwar li l-konvenut kien ikun hafna drabi fis-sakra. Tiftakar ukoll hafna xeni tal-biza ghax tiftakar lil ommha tigi msawta, u lil missierha jigi ghaliha l-iskola fis-sakra. Episodju li baqa mpressjonat f'mohha kien meta missierha sakkar lil ommha barra u f'sakra kbira pogga lilha fis-sink tal-kcina u beda jghidilha li huma ma kienux mizzewgin ghax ommha kienet mizzewga qabel, b'ommha thabbat mal-bieb ta' barra u tghajjat biex jieqaf. Hi zzid tghid li missierha qatt ma ta kasha u ta' hutha, specjalment ukoll ghaliex kellha tkun l-attrici ommha li tathom saqaf fuq rashom. Tiftakar ukoll lil missierha jigri fil-hwienet tax-xorb u kemm

[12] Ara fol 54 sa 56 tal-process
[13] Ara fol 295 tal-process
[14] Ezebit a fol 127 tal-process allegat mal-kawza odjerna u cioe' l-467/2008AF

il-darba kien jidhol bil-lejl u jqajjimha peress li jien jidhol u jibda jargumenta ma' l-attrici ghal sighat shah. Meta lil nannuha (missier il-konvenut) amputawlu saqajh huma marru jghixu x-Xghajra ta' Haz-Zabbar biex ikunu vicin tieghu, u la missierha u lanqas in-nanna taghha ma kienu jkunu d-dar, b'din ta' l-ahhar kienet titlaq lejn it-tombla. Hi ssemmi li meta kien jiggieled missierha l-konvenut ma' ommha hi kienet titwerwer ghaliex kien ikun fizikament abbuziv u kien ikisser kull ma jsib u mhux l-ewwel darba li spicca rieqed fuq is-siggu u l-mejda, xehdet ukoll li l-konvenut kien jigi ghal flusha u ommha ma kenitx tirrezisti ghaliex il-konvenut kien vjolenti wisq. Hi tghid li missierha qatt ma hadem sakemm rama bit-taxi ghall-perjodu ta' meta hija ghamlet il-pracett. Ghamel ukoll zmien ma jersaqx lejn id-dar, u darba tiftakar li spiccaw f'dar tas-sorijiet minhabba l-vjolenza u ghaliha tal-misthija tghid min hu missierha. Hi zzid tghid li ommha dejjem xtrat karrozzi, sigaretti u inbid ghal missierha l-konvenut u ommha kienet tohrog tahdem u kull fejn tmur tmur b'tal-linja. Il-konvenut kellu habib, certu Alfred Cassar li sahansitra kien ittanta lix-xhud meta kien ghad kellha biss tlettax/erbatax-il sena, u mhux l-ewwel darba li missierha l-konvenut gabu d-dar u kien ikompli jixrob wara gurnata shiha jixorbu flimkien. Il-konvenut ghamel xi zmien igib in-nies jilghabu l-karti d-dar u ommha l-attrici kienet toqghod tistennih fil-garaxx sakemm jitilqu. Issemmi wkoll kif darba wahda l-partijiet kienu mistednin it-tieg tal-gara u li tard filghaxija hi semghet il-bieb jinfetah u tfegg ommha bajda karti li qaltilha li wara t-tieg il-konvenut beda jixrob u joffendiha quddiem in-nies u jipprova jirredikolaha. Meta kibret u bdiet tahdem, bdiet iccempel lil ommha mix-xoghol biex tara kif inhi u omma kienet tghidilha li kollox sew imma hi kienet tisma' l-istorbju ta' missierha minn fuq it-telefon. Hi tispjega wkoll episodju meta l-konvenut sakkar lill-attrici ommha barra u kellha tistennih jorqod biex tmur tifthilha.

"L-istess xhud Sharon Montebello terga' tixhed[15] fl-10 ta' Jannar 2013 viva voce u tikkonferma l-affidavit kollu li gie msemmi kif ukoll terga' ssemi episodji skont kif imsemmija fl-affidavit. Tikkonferma li missierha rari kien jaghti xi flus ghal familja u kien ihallihom fil-bzonn, u tiftakar li l-glied kien ikun fuq kollox mhux fuq flus biss, izda tiftakar li meta kien jahdem bit-taxi, kien jonfoq il-flus fuq xorb u loghob. Hi tiftakar li meta l-genituri taghha zzewgu qatt ma xtraw propjeta', pero' li l-konvenut kien jghix minn fuq flus l-attrici.

"Oltre x-xhud Sharon Montebello, l-attrici tipprezenta provi dokumentarji. Permezz ta' certifikat taz-zwieg il-Qorti tara li l-partijiet

[15] Ara fol 266 tal-process

izzewgu fit-18 t'Awissu 1990[16] u jirrizulta minnu li missier il-konvenut kien miet fiz-zmien meta l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg.

"Permezz ta' nota datata 2 ta' Mejju 2011, l-attrici tipprezenta[17] *transcript* ta' konversazzjoni rekordjata minnha stess u guramentata minnha, liema transcript tikkonsisti f'konversazzjoni bejn il-partijiet fiz-zmien meta l-partijiet ma kienux ghadhom separati *de facto*. L-attrici tipprezenta wkoll serje ta' kopji ta' *payslips* li juru kemm hadet flus f'ghajnuna socjali mis-sena 2009 sas-sena 2011[18]. Id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jibghat ukoll jinfurmaha fit-22 ta' Dicembru 2011 li ma hix izjed intitolata ghall-ghajnuna ghall-mard u li kellha thallas lura lid-dipartiment is-somma ta' €1781.44[19]. Hija tipprezenta wkoll serje ta' ricevuti li turi kemm hadet bhala *age pension* mill-Awstralja mis-sena 2010 sas-sena 2011[20] u dan huwa kollu kkonfermat mix-xhieda tal-attrici.

"L-attrici tipprezenta Dok ME1[21] li hija ricerka fuq il-propjeta' tal-konvenut. Dok ME2[22] datat 18 ta' Dicembru 1978 li huwa kopja tal-kuntratt meta l-konvenut xtara l-post ta' Palm Street fir-Rahal Gdid, Dok ME3[23] datat 29 ta' Mejju 1979 li huwa kopja tal-kuntratt meta l-konvenut xtara l-art tax-Xaghjra, Dok ME4[24] datat 14 ta' Dicembru 1987 li huwa kopja tal-kuntratt meta l-attrici xtrat il-post St. Anthony Street Zejtun, Dok ME5[25] li huwa d-denunzja ta' missier l-attrici, u Dok ME6[26] li huwa ktieb tal-bank tal-konvenut. Tipprezenta wkoll ic-cekkijiet li kienet irceviet mill-Awtstralja bhala *widow's pension* mis-sena 1976 sas-sena 1982 immarkati Dok EM1 sa Dok ME6[27]. Hija tipprezenta Dok EM6[28] li huwa l-kopja tal-kuntratt datat Jannar 1981 li permezz tieghu l-attrici bieghet id-dar li kienet xtrat f'Haz-Zabbar, Dok EM8[29] li huwa kopja ta' certifikat mahrug minn Dr. David E Cefai datat 5 ta' Marzu 2000 li jghid li kienet imsawwta mir-ragel f'rasha, Dok EM9[30] li hija kopja ta' ittra allegatament miktuba mill-konvenut

[16] Ara fol 13 tal-process
[17] Ara fol 63 sa fol 88
[18] Ara fol 108 sa fol 173 tal-process
[19] Ara fol 174 sa fol 176 tal-process
[20] Ara fol 177 sa fol 198 tal-process
[21] Ezebita a fol 218 tal-process
[22] Ezebit a fol 241 et seq tal-process
[23] Ezebit a fol 241 et seq tal-process
[24] Ezebit a fol 245 et seq tal-process
[25] Ezebit a fol 249 et seq tal-process
[26] Ezebit a fol 257 tal-process
[27] Ezebiti kollha a fol 265 tal-process
[28] Ezebit a fol 53 tal-process allegat mal-kawza odjerna 467/2008AF
[29] Ezebit a fol 60 tal-processa allegat mal-kawza odjerna 467/2008AF
[30] Ezebita a fol 61 tal-process allegat mal-kawza odjerna 467/2008AF

indirizzata lil huh datata 21 ta' Awissu 1996, Dok EM 10[31] kopja ta' kontijiet bankarji li kienu jsejhu lill-partijiet, Dok EM 11 li huwa kopja ta' kuntratt datat 6 ta' Mejju 1996 fejn jidher li l-partijiet qeghdin ibieghu *maisonette* maghrufa bhala 'Tracey, fi Triq Carmelo Ritchie fix-Xghajra Haz-Zabbar ghal prezz ta' Lm17,900. Dok EM17 huwa kopja ta' rapport mahrug mill-ghassa taz-Zejtun datat 29 ta' Awissu 1999 u iehor datat 5 ta' Marzu 2000 li jiddeskrivu episodji ta' vjolenza u argumenti li kien ikollha l-attrici mal-konvenut[32]. Dok Em 13[33] li huwa kopja ta' *bank statement* li juri kemm kien qieghed ihallas manteniment il-konvenut, Dok EM 14[34] li hija komputazzjoni min-Nutar Carmelo Lia, meta l-attrici giet rimborsata l-ammont ta' Lm500, u Dok EM15[35] li huwa kopja ta' kuntratt ta' xiri ta' art mill-attrici f'Haz-Zabbar datat 16 ta' Frar 1978.

"Il-Qorti kienet hatret lill-Perit Legali Dr. Fransina Abela sabiex tirrelata dwar il-kawza odjerna u fil-fatt hija intavolat ir-rapport taghha li kien guramentat fl-4 ta' Gunju 2015[36] u fih tat il-konkluzjonijiet taghha biex il-Qorti jkollha konjizzjoni taghhom.

"**<u>Dwar it-talba ghas-separazzjoni personali u r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg</u>**

"Dwar l-ewwel talba, u cioe' dik relatata mat-talba ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony**[37] fejn gie ritenut li "***Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, is-sevizzji, it-theddid u l-ingurji gravi, izda kull wahda minn dawn ir-ragunijiet wahedha hija sufficjenti***" u zzid tghid li "***Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri.....Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***".

"Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[38] u **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia**[39i] fejn gie ritenut li "***Ghal dak li jirrigwarda***

[31] Ezebiti a fol 63 sa 67 tal-process allegat mal-kawza odjerna 467/2008AF
[32] Ezebiti a fol 119 sa fol 121 tal-process allegat mal-kawza odjerna 467/2008AF
[33] Ezebit a fol 321 et seq tal-process allegat mal-kawza odjerna 467/2008AF
[34] Ezebita a fol 108 tal-process allegat mal-kawza odjerna 467/2008AF
[35] Ezebit a fol 109 tal-process allegat mal-kawza odjerna 467/2008AF
[36] Ezebit a fol 305 sa fol 327 tal-process
[37] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit Nru 1715/2001)
[38] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)
[39] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur Nru 98/2002)

***theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima*”** u zzid tghid ukoll li “***Sabiex tigi promossa t-talba ghas-separazzjoni mhux mehtieg kumulu ta` kawzali, kull wahda mill-kawzali ta' sevizji, it-theddid u l-ingurji gravi hija sufficjenti sabiex jigu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali***”.

“Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-Ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentment hemm lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

“Madanakollu rigward ir-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg din il-Qorti se taghmel taghha l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali u dan peress li jirrizulta li l-komportament tal-konvenut tul is-snin fil-konfront ta' l-attrici kien wiehed mhux accettabbli u certament wiehed li ma jaghmel l-ebda gid ghal hajja konjugali serena. Il-verzjoni attrici ta' dawn l-incidenti kollha, li gew ikkorroborati anke mix-xiehda ta' bint il-partijiet, ma huma bl-ebda mod kontraddetti mill-konvenut li min-naha tieghu ghazel li ma jtellgha l-ebda prova in sostenn tar-risposta guramentata tieghu, u ghalhekk l-attrici irnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-Ligi li kien il-konvenut li kien responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg.

“Dan hu kkorroborrat ukoll mill-fatt li l-attrici ipprezentat kopji ta' certifikat mediku dwar incident li sehh fis-sena 2000 oltre wkoll zewg rapport tal-pulizija li jsejhu s-snin 1999 u 2000. Ghalhekk il-Qorti temmen lill-attrici in toto, u temmen ukoll il-fatt li l-konvenut irrenda ruhhu hati ta' offizi gravi fil-konfront ta' l-attrici u zgur ikkagunalha biza li kienet ser tintuza xi forma ta' vjolenza fil-konfront taghha.

“Inoltre l-Qorti wkoll temmen lill-attrici meta hija tghid li l-konvenut kien ihalliha fi bzonn finanzjarju u jidher ukoll mill-fatti li l-konvenut spiss kien ikun fis-sakra, u allura l-flus li kien jaqla mix-xoghol tieghu kien iktar jonfoqhom fuqu nnifsu milli ghall-gid tal-familja tieghu. B'dan illi l-attrici kellha tara kif taghmel biex iggib il-flus ghall-familja u kif ukoll biex tghajjex lilu. Apparti minn hekk, il-konvenut kien ukoll iddominat minn missieru li min-naha tieghu bhal donnu ma riedx li l-partijiet jizzewgu. Tant hu hekk li jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg ipprezentat li l-partijiet izzewgu wara l-mewt tieghu. Dan juri bic-car li l-konvenut kien dominat u kien jaghti iktar sahha lil dak li kien ikun irid missieru milli dak li kienet tkun trid l-attrici.

“Din il-Qorti hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-Ligi, u in vista tax-xiehda kollha prodotti li l-konvenut irrenda ruhhu hati tas-

separazzjoni bejn il-partijiet minhabba ingurji, sevizzi, theddid, eccessi u vjolenzja fil-konfront ta' martu.

"B'dan pero li fil-premessi taghha fir-rikors guramentat l-attrici issemmi adulterju u nuqqas ta' frekwentazzjoni intima da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici izda dawn ma' jirrizultawx, stante li l-attrici ma gabet l-ebda prova sodisfacjenti fir-rigward. Ma jirrizultax lanqas li l-vjolenza u t-theddid ghadu ghaddej sal-gurnata tal-lum tant li l-attrici ssemmi li darba wara l-Qorti l-partijiet iltaqghu biex jiddiskutu u l-konvenut xtralha flixkun ilma, ghalhekk il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha tapplika ordni ai termini ta' l-Artikoli 412C jew 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif mitlub minnha.

"Ghalhekk in vista ta' dan, it-talba ghas-separazzjoni personali bi htija fil-konfront tal-konvenut timmerita li tigi milqugha.

"**Dwar it-talba ghall-manteniment ghall-attrici**

"Il-Qorti anke hawn thoss li ghandha taghmel taghha l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali. Izda ser tghaddi biex tirrevedi l-ammont indikat fir-relazzjoni taghha. Primarjament u in vista tal-fatt li l-Qorti qeghda tattribwixxi l-htija tas-separazzjoni lill-konvenut u in vista wkoll tal-fatt li l-konvenut m'oggezzjonax ghal hlas ta' manteniment lill-attrici ghaliha nnfisha, il-Qorti se tghaddi biex tiffissa retta alimentarja li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici.

"Il-Qorti hawnhekk se taghmel referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk, *"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom, skont il-mezzi u l-hila taghhom , li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja".*

"L-attrici iddikjarat li ghandha dhul minn tlett garaxxijiet li tikri liema dhul ma semmietx x'inhu[40] u ghandha wkoll qliegh ta' pensjoni mill-Awstralja li tvarja bejn €430 u €450 fix-xahar. Rigward il-konvenut, jirrizulta, stante li dawn il-provi ma gew bl-ebda mod kontraddetti, li huwa ghandu permess ta' taxi u l-Qorti temmen li permess ta' taxi ta' din ix-xorta jiswa' hafna u ghandu potenzjal qawwi ta' introjtu gholi, jirrizulta li ghandu l-propjeta' fejn jghix hu li kien xtara qabel iz-zwieg bil-flus ta' l-attrici, jirrizulta li ghandu wkoll fix-Xghajra garaxx u flat iehor li allura dawn ghandhom il-potenzjal ta' qliegh finanzjarju kemm

[40] Ara fol 105 tal-process

jekk jinbieghu u kemm jekk jinkrew[41], kif ukoll jirrizulta li ghandu l-propjeta' 115, Palm Street, Paola[42], li l-istess ghandha potenzjal qawwi ta' qliegh finanzjarju, jirrizulta wkoll li flimkien ma' hutu, l-konvenut biegh id-dar tal-genituri tieghu permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Mejju 2008[43] meta l-konvenut thallas is-somma ta' €155,291.56.

"Ghalhekk in vista' tal-mezzi li ghandu l-konvenut, il-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jivversa s-somma ta' €600 kull erba' gimghat, bl-arretrati minn meta giet ipprezentata l-kawza ghas-separazzjoni personali u cioe' mill-14 ta' Mejju 2010 sallum u dan in vista tal-fatt li l-konvenut qatt m'oggezzjona li jhallas manteniment lill-attrici[44], u dan l-ammont ghandu joghla sentejn ohra skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja u jibqa' joghla b'dan il-mod kull sentejn.

"**<u>Dwar it-talba tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti</u>**

"Illi l-Qorti ma taqbilx mal-Perit Legali li ma jezistux assi formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti[45]. L-assi huma s-segwenti:

1. "Tezisti vettura li nxtrat fiz-zwieg li hija Toyota tal-kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni FAE538 li ma jirrizulta l-ebda valur fuqha;
2. "In-negozju tad-*delivery* tal-gazzetti li l-konvenut jaghmel bil-karozza msemmija hawn fuq, liema negozju l-attrici ssemmi fl-ewwel affidavit taghha ipprezentat fl-atti tal-kawza 467/2008AF, li nbeda fil-perjodu tas-sena 2004-il quddiem (u allura waqt iz-zwieg), u hemmhekk il-konvenut kien jaqla madwar Lm700/Lm750 fix-xahar.

"Ghalhekk il-Qorti, wara li qieset il-fatti u l-provi kollha migjuba quddiemha, qeghda xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti u tiddividiha bil-mod segwenti:

"**<u>Porzjoni A li qed tigi assenjata lill-attrici</u>**

1. "Nofs il-valur tal-vettura li hija Toyota tal-kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni FAE538 b'dan li l-partijiet ghandhom fl-ewwel lok (u f'kaz li ma jiftehmux mod iehor bejniethom) jaghmlu stima taghha, u jbieghuha fuq is-suq miftuh. F'kaz li din il-vettura ma tinbieghx fuq is-suq miftuh sa zmien sena, din il-karozza ghantha tinbiegh bis-subbasta biex kull parti tiehu sehemha minnha;

[41] Ara fol 241 tal-process
[42] Ara fol 236 tal-process
[43] Ara fol 235 parti mir-ricerki prezentati
[44] Ara r-risposta guramenta tal-konvenut senjatament is-sitt eccezzjoni
[45] Ara fol 284, affidavit ulterjuri ta' l-attrici li wkoll ma giex ikkontradett

2. “Is-somma ta’ tnejn u sebghin elf mitejn u tnejn u hamsin Ewro (€72,252) rapprezentanti s-sehem tal-attrici min-negozju tad-*delivery* tal-gazzetti li ghandu l-konvenut. Hawnhekk il-Qorti ivvalutat din is-somma bil-mod segwenti: l-attrici tghid li eskluz it-taxxa fuq il-valur mizjud, il-konvenut kien jaqla minnu Lm700 fix-xahar, meta wiehed jnehhi 18% fuq dan il-valur, il-konvenut jibqa’ bil-valur ta’ €1338 fix-xahar, ghalhekk meta dan jigi diviz fi kwoti ndaqs, jibqa’ l-ammont ta’ €669 fix-xahar. €669 multiplikat ghal sena (tnax-il xahar) jigi l-valur ta’ €8028 (kemm huwa sehem l-attrici ta’ sena minn dan il-qliegh). Ghalhekk tenut kont li l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali fis-sena 2006 u tenut kont ukoll li nstab hati ghat-tifrik taz-zwieg, il-Qorti qed tghaddi biex taghmel multiplikazzjoni ta’ €8028 b’disa’, u cioe’ kemm l-attrici kien ikollha dritt tiehu minn dan in-negozju tul dawn id-disa’ snin li ilhom hekk separati *de facto*, u ghal dan il-ghan il-konvenut irid ihallas lill-attrici s-somma ta’ tnejn u sebghin elf mitejn u tnejn u hamsin Ewro (€72,252);

“**<u>Porzjoni B li qed tigi assenjata lill-konvenut</u>**

1. “Nofs il-valur tal-vettura li hija Toyota tal-kulur abjad bin-numru ta’ registrazzjoni FAE538 b’dan li l-partijiet ghandhom fl-ewwel lok (u f’kaz li ma jiftehmux mod iehor bejniethom) jaghmlu stima taghha, u jbieghuha fuq is-suq miftuh. F’kaz li din il-vettura ma tinbieghx fuq is-suq miftuh sa zmien sena, din il-karozza ghandha tinbiegh bis-subbasta biex kull parti tiehu sehemha minnha;

2. “In-negozju tad-*delivery* tal-gazzetti, wara li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta’ tnejn u sebghin elf mitejn u tnejn u hamsin Ewro (€72,252) rapprezentanti s-sehem taghha minn dan in-negozju;

“**<u>Dwar min ghandu jghix fid-dar matrimonjali</u>**

“Id-dar matrimonjali hija 27, St. Anthony Street, Zejtun u mhux kontraddett li din hija propjeta’ parafernali ta’ l-attrici u ghalhekk ghandha dritt li tghix fiha hi ad eskluzjoni tal-konvenut.

“**<u>Dwar it-talba tal-beni parafernali u dotali li ghandhom jigu assenjati lill-attrici</u>**

“Il-Qorti tirrileva li ma taqbilx mal-konkluzjonijiet peritali u se tghid ghalxiex. Primarjament l-attrici fl-affidavit ulterjuri taghha xehdet li hija tat flus lill-konvenut ghal hafna affarijiet, u dan jirrizulta b’mod ampju stante li anke bint il-partijiet ikkonfermat li l-konvenut il-hin kollu jitlob il-flus lil ommha.

"Primarjament qabel iz-zwieg hija tatu:

"Lm400 biex jixtri l-post ta' Triq Palma, Rahal Gdid
"Lm800 biex ihallas il-plots tax-Xghajra
"Lm500 biex taghhom lil missieru (dawn hadithom lura – skond il-kitba tan-Nutar Lia)
"Lm 500
"Lm 600
"Lm300
"Lm450
"Lm 300

"L-ammonti kollha nieqes il-Lm500 li hadet lura jammontaw ghal Lm3350 li llum huma fil-valur ta' €7805.50.

"L-attrici tixhed u jirnexxilha tipprova li tat lil missier il-konvenut is-somma ta' Lm1049 (€2444.17) li dawn sussegwentement inghataw lill-konvenut u mhux lura lill-attrici u dawn gew minn bejgh ta' karoza parafernali ta' l-attrici f-Awstralja.

"Ghalhekk l-attrici ghandha kreditu parafernali fil-konfront tal-konvenut fl-ammont ta' €10,249.67.

"Il-Qorti hawnhekk ma taqbilx mar-rapport peritali fejn hemm imsemmi hekk, *"Fl-assenza ta' provi ta' kemm intefqu spejjes sabiex inbnew l-4 plots tax-Xghajra, l-esponenti, li wara li tiehu in konsiderazzjoni il-prezz tal-bejgh ta' wiehed mill-maisonettes, tikkalkola li intefqu Lm8000 ghal kull wiehed miz-zewg maisonettes u ghal maisonette bini u saqaf intefqu Lm10,000 b'total ta' Lm26000 u cioe' €60,580. Ghaldaqstant l-ammont ta' kreditu parafernali dovut lill-attrici fuq l-ispejjez li ntefqu mill-komunjoni jammontaw €60,580".*

"Jirrizulta li l-plots inxtraw mill-konvenut qabel iz-zwieg bi flus ta' l-attrici u ghalhekk il-Qorti ma tistax tghaddi biex tordna li jsiru t-trasferimenti ta' dawn il-propjetajiet fuq l-attrici, ghaliex ma kien hemm l-ebda impediment legali li zamm lill-attrici milli tixtri dawn il-propretajiet hi. Izda l-attrici ghandha dritt ghall-flus kollha li harget fuq dawn il-proprjetajiet. Fil-fatt lanqas ma jirrizulta li dawn il-propjetajiet inbnew fiz-zwieg, fl-ebda mument fil-kuntratt datat 6 ta' Mejju 1996[46] ma hemm dikjarat li dawn inbnew mill-partijiet flimkien, anzi pjuttost jirrizulta mill-ewwel affidavit ta' l-attrici li huma marru joqghodu

[46] Ara fol 73 tal-process allegat ma' dawn l-atti 467/2008AF

f'wahda minn dawn il-propjetajiet (u ghalhekk kienu diga' mibnija) ghall-habta tas-sena 1986[47] u ghalhekk erba' snin qabel ma zzewgu l-partijiet u dan peress li kien marad missier il-konvenut u fuq suggeriment ta' l-attrici marru jghixu fix-Xghajra Haz-Zabbar. Lanqas ma jaghti lok li l-attrici tirbah xi titolu fuq din il-propjeta', ghax dehret fil-kuntratt ta' kompravendita msemmi, kuntrarju ghal dak li tghid il-Perit Legali.

"**<u>Dwar id-dekadenza ta' l-intimat</u>**

"L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
"(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
"(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
"(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
"(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

"L-Artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu".

"Il-Qorti tirrileva li jirrizulta car li l-konvenut huwa hati ghas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba dak hawn fuq spjegat taht il-kap intitolat "Dwar it-Talba ghas-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' ghat-Tifrik taz-Zwieg" u ghalhekk, tara li hemm ir-rekwiziti necessarji sabiex jigi applikat kontra l-istess intimat l-Artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta".

[47] Ara fol 36 tal-process allegat ma' dawn l-atti 467/2008AF

**L-Appell**

6. Dan hu bazat fuq zewg aggravji li huma konnessi ma' xulxin. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-intimat kien ingustament impedit mill-ewwel Qorti li jressaq il-provi tieghu, filwaqt li fit-tieni aggravju tieghu l-intimat isosstni li l-verzjoni tieghu "ghandha relevanza probatorja qawwija u importanti". Huwa ssintetizza hekk dawn l-aggravji:

> "[a] illi jidher b'mod car illi dawn il-proceduri gew mismughin gudizzjarjament b'tali mod illi l-intimat qua appellant, John Mary sive Jimmy Montebello, gie mcahhad milli jsemma' lehnu fuq il-fatti evidenzjarji tieghu u ghalhekk l-ewwel Qorti dehrilha li ghandha tizbilancja din is-separazzjoni fid-dawl ta' binarju li juri u jistabilixxi, illi l-intimat qua appellant imsemmi, naqas illi jressaq il-prova tieghu sabiex jispjega dak li verament sehh f'dan il-matrimonju li llum huwa miksur. Naturlament, dan it-tip ta' zbilanc, gab mieghu konsegwenzi drastici fuq il-konkluzjonijiet li l-ewwel Qorti waslet ghalihom;
>
> "[b] illi l-verzjoni tal-intimat qua appellant ghandha rilevanza probatorja qawwija u importanti tenut kont tal-portata taghha u l-kuntest li bih wasslet ghad-decizjoni taghha il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tat-3 ta' Dicembru 2015, fl-ismijiet ta' Emanuela sive Lilly Montebello vs. John Mary sive jimmy Montebello (Rikors Guramentat Nru. 388/l0AL) kif ser jigi spjegat, taht il-kappa ta' dan l-istess aggravvju. Apparti minn hekk, f'din il-vertenza kontenzjuza, l-intimat qua appellant John Mary sive Jimmy Montebello, wera nteress illi jsemma' lehnu u huwa totalment ingust illi jbati assolutament wahdu kemm il-htija kif ukoll il-konsgwenzi ta' fatt u ta' dritt li ggib maghha l-kontendenza [recte: kontestazzjoni] gudizzjarja li finalment twassal ghal sentenza ta' separazzjoni".

7. Ghalkemm l-intimat jghid li huwa ser jghaddi ghal analizi kronologika taz-zewg aggravji fuq indikati, huwa jghaddi sabiex jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti li wasslu ghas-separazzjoni bejn il-partijiet u f'dan ir-rigward jaghmel referenza ghal dak li fi kliemu huwa jsejjah "Affidavit

tieghu li [huwa] pprezenta verament[48] b'mod tardiv…" u jaghti rakkont ta' dak li skont hu wassal ghas-separazzjoni u ghaliex il-htija tirrisjedi mhux fuqu biss izda wkoll fuq ir-rikorrenti. Wara li l-intimat jissenjala dak li qal fil-verzjoni tieghu kontenuta fir-rikors tal-appell huwa jghaddi biex jelenka u jispjega l-bazi tal-aggravju li huwa qasam f'erba' taqsimiet: "Htija ghal Firda Personali", "Manteniment" "Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti" u "Beni Parafernali u dotali lil ghandhom jigu assenjati lill-Attrici qua Appellata".

*L-ewwel aggravju*

8. Illi, qabel ma din il-Qorti tghaddi sabiex tanalizza t-tieni aggravju li jirrigwarda l-meritu, ser tezamina l-ewwel aggravju bazat fuq l-allegazzjoni tal-intimat li huwa kien gie ingustament impedit mill-ewwel Qorti li jressaq il-provi tieghu bir-rizultat li skont hu, "l-ewwel Qorti dehrilha li ghandha tizbilancja din is-separazzjoni.." meta ddikjarat l-istadju tal-provi maghluq wara li l-intimat kien ilu zmien ma jattendi ghas-seduti quddiem il-perit legali u lanqas jressaq il-provi tieghu meta ghal izjed minn darba kien inghata l-opportunita` li jaghmel dan.

9. Il-fatti relevanti ghal din il-vertenza, kif johorgu mill-atti processwali, huma dawn.

[48] Jew ahjar, inkorpora fir-rikors tal-appell tieghu

10. Fis-seduta[49] tad-19 ta' April 2013 quddiem il-perit legali r-rikorrenti ddikjarat li ezawriet il-provi taghha, salv id-dritt li, jekk ikun il-kaz, taghmel kontro-ezamijiet tax-xhieda li kellu jressaq l-intimat.

11. Fis-seduta peritali tal-4 ta' Ottubru 2013, id-difensur tal-intimat irrileva "li ghandu bzonn xi tliet seduti" sabiex iressaq il-provi tieghu. Dawn gew fissati fl-istess seduta ghal-31 ta' Ottubru 2013 fl-12.00pm u ghad-29 ta' Novembru 2013 fl-12.00pm".[50]

12. Fis-seduta peritali mifthema li nzammet fil-31 ta' Ottubru 2013 dehret biss ir-rikorrenti, filwaqt li la deher l-intimat u lanqas l-avukat tieghu.[51]

13. Fis-seduta peritali l-ohra li nzammet fid-29 ta' Novembru 2013, filwaqt li dehret l-attrici, ma dehrux la l-intimat u lanqas id-difensur tieghu, ghalkemm anke din is-seduta kienet ukoll iffissata bi qbil mal-partijiet.[52]

14. Fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2014 quddiem l-ewwel Qorti, ghalkemm deher l-avukat tar-rikorrenti, la deher l-intimat u lanqas l-avukat tieghu.[53] Wara li l-Qorti giet informata li "ghal xi raguni jew ohra

[49] Ghal din is-seduta kienu attendew l-attrici u l-avukati difernsuri tal-partijiet – Fol.279
[50] Fol.288
[51] Fol.290
[52] Fol.292
[53] Fol.294

l-konvenut mhux qed iressaq provi" u wara li l-perit legali prezenti ghall-istess udjenza informat lill-Qorti li kien hemm seduta iffissata ghas-27 ta' Jannar 2014 ghall-provi tal-intimat, il-Qorti "ordnat li ghal din is-seduta il-konvenut iressaq il-provi tieghu".[54]

15. Fl-udjenza tat-8 ta' April 2014 dehret biss ir-rikorrenti. F'dik l-udjenza l-ewwel Qorti tat id-digriet segwenti:

> "Il-Qorti rat illi l-attrici ghalqet il-provi taghha quddiem il-perit legali Dr.Fransina Abela fid-29 ta' April 2013.
>
> "….. Rat ukoll illi ghas-seduti fissati fil-31 ta' Ottubru 2013 u fid-29 ta' Novembru 2013 il-konvenut ma deherx u ma ressaqx provi.
>
> "….. Rat ukoll il-verbali taghha tas-26 ta' Jannar 2014. L-attrici informat lill-qorti li ghas-seduta fissata fis-27 ta' Jannar 2014 il-konvenut rega' ma deherx.
>
> "Il-Qorti ma tistax tippermetti aktar telfin ta' hin f'din il-kawza u ghalhekk, filwaqt li tiddikjara li l-provi tal-konvenut huma maghluqa tidderigi lill-perit legali Dr. Fransina Abela sabiex tghaddi ghar-relazzjoni taghha".[55]

16. Fir-rigward din il-Qorti taghmel zewg osservazzjonijiet pertinenti hafna ghal din il-parti tal-aggravju: [1] li l-intimat ma appellax mid-digriet fuq citat u [2] li l-verzjoni li ttanta jaghti l-intimat fir-rikors tal-appell[56] tieghu ser tigi skartata minn din il-Qorti, ghax dak li hu qed isejjah "affidavit" ma jistax jitqies bhala dokument[57] fit-termini tal-Artikoli 145 u 150 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, imma xhieda li l-

---

[54] Fol.294
[55] Fol.2915
[56] Fir-rikors tal-appell tieghu, fil-pagna 9, l-intimat jghid "L-intimat qua appellant jintavola l-verzjoni tieghu tal-fatti li taw lok ghal din is-separazzjoni"
[57] Ara *App.S 54/2001 Maurice Hili v Francis Attard, 30 Settembru 2016*

intimat qed jittanta jressaq f'dan l-istadju ta' appell li, fi kliemu l-istess tressqet "verament b'mod tardiv". Dan m'ghandhux jigi permess fic-cirkostanzi tal-kaz fejn, ghalkemm l-intimat kellu l-opportunita` ampja sabiex iressaq il-provi tieghu quddiem l-ewwel Qorti, huwa baqa' manifestament u inspjegabilment passiv.

17. Mir-rizultanzi processwali jirrizulta car li l-konvenut ma segwiex dik id-diligenza mistennija minn parti f'kawza sabiex tressaq il-provi taghha fl-istadju opportun; anzi wera indifferenza kbira li wasslet lill-ewwel Qorti sabiex bid-digriet fuq citat waqqfet lill-intimat milli jkompli jabbuza mill-proceduri odjerni billi jtawwalhom inutilment. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti kienet korretta meta, f'dawn ic-cirkostanzi, iddikjarat maghluqa l-provi tal-intimat.

18. Fl-ahhar nett hija opportuna l-osservazzjoni li, kif jirrizulta mill-atti, wara li r-rapport tal-perit legali kien gie inserit fl-atti fl-5 ta' Gunju 2015, fil-hmistax tal-istess xahar ir-rikorrenti prezentat rikors[58] quddiem l-ewwel Qorti sabiex dik il-Qorti "formalment ttiddikjara li l-kawza issa ghandha tithalla ghas-sentenza", ghal liema talba l-intimat oggezzjona permezz ta' risposta fejn fis-sustanza qal li hu "ghandu interess genwin li jara li din is-separazzjoni ssehh minghajr inwkiet bla bzonn" u talab li jinghata kopja tar-rapport peritali.

[58] Fol.331

19. L-ewwel Qorti pprovdiet fuq dan ir-rikors billi ordnat li l-intimat "ikollu kopja tar-rapport tal-perit legali… sabiex fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2015 ikun jista' jaghmel l-eskussjoni tal-perit legali".[59] Fl-udjenza mizmuma quddiem l-ewwel Qorti f'din l-ahhar data, l-intimat ma esekutiex il-perit legali, izda tramite l-avukat tieghu vverbalizza hekk:

> "….. [hu] jiddikjara illi qieghed jirrimetti ruhu ghar-rapport tal-perit legali, b'dan illi talab illi jkun jista jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet".

20. Ghalhekk mhux talli l-intimat ma kienx ressaq provi minn naha tieghu jew eskuta l-perit legali dwar il-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet raggunti minnha, talli addirittura rrimetta ruhu ghar-rapport. Apparti minn hekk, huwa naqas milli uzufruwixxi mill-fakolta` moghtija lilu mill-ewwel Qorti li jaghmel nota tal-osservazzjonijiet.

21. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa manifestament fieragh u qed jigi michud.

*It-tieni aggravju*

22. Dan jirrigwardja l-meritu u, kif fuq indikat, huwa maqsum f'erba' taqsimiet.

---

[59] Fol.337

23. [A] Fl-ewwel taqsima, intestata **"Htija ghal Firda Personali"**, l-intimat, wara li jirreferi ghal uhud mill-fatti allegati minnu fl-hekk imsejjah affidavit inkorporat fir-rikors tal-appell tieghu u wara li ghamel paragun taz-zewg verzjonijiet, jghid li "qatt ma kien hemm l-estremitajiet li tallega fuqhom [ir-rikorrenti] jew li taghmel referenza ghalihom it-tifla meta kienet ghadha zghira biex tiftakar certu affarijiet, li huma kontraddetti ghall-ahhar mill-intimat".

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

24. Il-fatti fil-qosor huma dawn.

25. Il-partijiet iltaqghu fiz-zmien meta r-rikorrenti kienet ghaddejja bil-proceduri tad-divorzju fil-konfront tal-ewwel ragel taghha. Hija eventwalment otteniet id-divorjzu fis-sena 1973. Sadanittant il-partijiet baqghu jikkoabitaw flimkien gewwa l-Awstralja u wara 16 il-sena huma zzewwgu fit-18 ta' Awissu 1990. Minn dan iz-zwieg huma ghandhom tlett it-tfal li twieldu fis-snin 1975, 1983 u 1985 rispettivament u li ghalhekk illum huma maggorenni.

26. Ir-rikorrenti tishaq li anke matul il-perijodu li fih il-partijiet kienu jikkoabitaw, l-intimat kien ga wera li kien xhieh maghha u li kien iberbaq il-flus fil-loghob. Wara z-zwieg, ir-relazzjoni ta' bejniethom mhux talli ma

tjebitx izda marret ghall-aghar u wkoll kien hemm episodji ta’ vjolenza fizika u morali da parti tal-intimat fil-konfront ta’ martu, ir-rikorrenti.

27. F’Jannar 2006 l-intimat telaq mid-dar matrimonjali.[60]

28. Din il-Qorti wara li ezaminat il-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti fir-rigward, hija tal-fehma li ma hemmx ragunijiet validi bizzejjed sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmula minn dik il-Qorti li accettat bhala veritiera l-verzjoni li tat ir-rikorrenti fl-affidavit u fix-xhieda ulterjuri taghha moghtija *viva voce*, liema verzjoni hija *in parte* korroborata mit-tifla Sharon kemm fl-affidavit taghha kif ukoll fix-xhieda ulterjuri moghtija minnha *viva voce*, kif ukoll ghax, ghalkemm fir-risposta guramentata tieghu l-intimat isostni b’mod generiku li ghat-tifrik taz-zwieg jahtu z-zewg partijiet b’mod ugwali, huwa naqas milli jressaq provi li jikkontradixxu dak allegat mir-rikorrenti. Ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz, l-ewwel Qorti kellha provi bizzejjed sabiex ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha li tattribwixxi t-tort tas-separazzjoni esklussivament lill-intimat. Ghaldaqstant din il-parti tal-aggravju mhijiex gustifikata.

Mill-aspett legali l-Qorti tosserva li jirrizulta provat il-komportament abuziv da parti tal-intimat, konsistenti f’xehha fil-konfront tar-rikorrenti, kif ukoll episodji ta’ vjolenza fizika u morali kommessi minnu fil-konfront

[60] Dep. Rikorrenti – fol.100

ta' martu kagun tal-istat ta' sakra li solitament ikun fiha meta jirritorna d-dar. Dan il-komportament abitwali da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili, hekk kif fil-fatt ikkonkludiet l-ewwel Qorti.

29. [B] Fit-tieni taqsima, intestata **"Manteniment"** l-intimat jghid li hu ilu circa 13 il-sena ma jopera servizz bit-taxi u l-uniku introjtu tieghu illum huwa dak gej mill-kiri tat-taxi u mit-tqassim tal-gazzetti li b'kollox jirrendulu introjtu settimanali ta' €188, mill-liema introjtu jrid ihallas l-ispejjez ghall-bzonnijiet personali tieghu.

30. Jghid li, minn naha taghha r-rikorrenti bhala xoghol ma hadmet xejn ghajr bhala hassiela f'zewg okkazzjonijiet fil-gimgha u ghamlet xi xhur tahdem ukoll fil-manifatturar tal-lastiku, izda dan ma jfissirx necessarjament hu ghandu l-obbligu li jmantni lir-rikorrenti li minn naha

taghha ddahhal kirjiet mill-garaxxijiet taz-Zejtun liema fondi kienu nbnew "bil-hidma wkoll" tieghu.

31. L-intimat jissottometti li, tenut kont tal-fatt li matul iz-zwieg bl-introjtu tieghu bl-operar tas-servizz tat-taxi ammontanti ghal €1,000 huwa kien jghajjex lir-rikorrenti u lit-tfal komuni tal-partijiet, huwa bil-wisq ingust illi, skont il-mezzi u l-hila tieghu, tenut kont tas-sitwazzjoni prezenti, kif ukoll tal-eta` tieghu hu jigi ordnat li jaghti lir-rikorrenti l-manteniment ta' €600 kull erba' gimghat.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

32. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tirribadixxi li r-reazzjoni tal-intimat ghar-rapport tal-perit legali kienet li jirrimetti ruhu ghall-istess rapport.

33. Dwar il-manteniment, il-perit legali, wara li kkonstatat li bhala sewwieq ta' taxi l-intimat jaqla' "minimu ta' €1,000 fix-xahar" filwaqt li r-rikorrenti tippercepixxi pensjoni mill-Awstralja ta' circa €400 fix-xahar, waslet ghall-konkluzjoni li l-intimat ghandu "jivversa s-somma ta' €500 ghall-attrici minn meta bdew il-proceduri tas-separazzjoni, u cioe` mill-14 ta' Mejju 2010".

34. L-ewwel Qorti ma qablitx ma' din il-konkluzjoni tal-perit legali u, wara li osservat li l-htija tas-separazzjoni kienet tirrisjedi unikament fuq l-intimat u li l-istess intimat ma oggezzjonax li jhallas manteniment lir-rikorrenti ghaliha, hasset li kellha tirrevedi l-ammont li waslet ghalih il-perit legali. Dik il-Qorti, wara li ghamlet diversi konsiderazzjonijiet rigwardanti dan l-aspett tal-kawza, waslet ghall-konkluzjoni li l-manteniment li ghandu jivversa l-intimat lil martu jkun ta' "€600 kull erba' gimghat bl-arretrati minn meta giet ipprezentata l-kawza tas-separazzjoni" jigifieri mill-14 ta' Mejju 2010.

35. Din il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar il-"potenzjal qawwi ta' introjtu gholi" da parti tal-intimat, izda fil-komputazzjoni tar-rata ta' manteniment hi tal-fehma li dik il-Qorti ma tatx id-debitu piz lill-fatt li, kif tistqarr ir-rikorrenti stess, hija ghandha tlett garages proprjeta` parafernali taghha li tikrihom, ghalkemm ma ssemmi ebda ammont.[61]

36. Fic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehema li r-rata ta' manteniment mensili ta' €500 hija aktar gusta minn dik stabbilita mill-ewwel Qorti, tenut kont ukoll tal-fatt li r-rikorrenti tippercepixxi pensjoni mill-Awstralja, kif ukoll tal-fatt li, bis-sentenza appellata, din ser tiehu somma sostanzjali ta' flus bhala sehemha minn-negozju gestit mill-intimat tul il-

---

[61] Dep.30 Jannar 2012 – fol.105

perijodu tas-separazzjoni *de facto,* kif stabbilit mill-ewwel Qorti u kif ser jigi konfermat minn din il-Qorti.

37. Apparti minn hekk, rigward il-komputazzjoni <u>tal-arretrati ta' manteniment</u> dovut lir-rikorrenti ghal perijodu li l-partijiet damu separati *de facto*, l-ewwel Qorti kellha taghti debitu piz lill-fatt li r-rikorrenti, li qed tircievi pensjoni mill-Awstralja, ser tircievi minghand il-konvenut is-somma ta' €72,252 rapprezentanti s-sehem taghha minn negozju tal-gazzetti tal-konvenut u allura dan is-sehem taghha ghandu jinkorpora fih il-pretensjoni tar-rikorrenti ghall-manteniment ghal dak il-perijodu, jigifieri tul il-proceduri, liema sehem kien gie kalkolat fuq rata mensili ta' €669 li kienet tispetta lir-rikorrenti sakemm giet terminata l-komunjoni bil-proceduri odjerni.

38. Ghalhekk din il-parti tal-aggravju tal-intimat hija gustifikata limitatament ghall-fatt li l-manteniment mensili li hu ghandu jaghti lir-rikorrenti huwa fl-ammont ta' €500 u wkoll li dan il-manteniment m'ghandux jigi kkalkolat mill-14 ta' Mejju 2010, izda fil-fehma ta' din il-Qorti mid-data tas-sentenza appellata jigifieri mit-3 ta' Dicembru 2015 ladarba l-obbligu tal-ghoti tal-manteniment tal-intimat lir-rikorrenti gie konfermat.

39. [C] Rigward it-taqsima intestata **"Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti"** l-intimat jaghmel referenza ghal fatti li ma jirrizultawx mill-process, kemm dwar il-vettura kif ukoll dwar l-introjtu li hu kien jippercepixxi kemm min-negozju tad-delivery tal-gazzetti kif ukoll mill-uzu tal-permess tat-taxi u li skont hu kien jghaddi parti minnu lir-rikorrenti.

40. Din il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li ma giex provat li l-intimat kien jghaddi manteniment lir-rikorrenti wara li huwa telaq mid-dar matrimonjali u l-partijiet isseparaw *de facto*, din l-allegazzjoni tal-intimat tiddghajjef fid-dawl ta' dak li xehdet ir-rikorrenti fid-depozizzjoni taghha tal-24 ta' Jannar 2012 li "f'dawn is-sitt snin qatt ma hallasni xi forma ta' manteniment".[62] Apparti minn dan, din il-Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz tikkonsidra l-pretensjoni tal-intimat f'dan ir-rigward inverosimili.

41. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi li jirrizultaw mill-atti, ma tikkonsidrax li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti u l-konkluzjonijiet raggunti minnha. Ghaldaqstant din il-parti tal-aggravju mhijiex gustifikata.

42. [D] Fir-raba' taqsima tal-aggravju, intestata **"Beni Parafernali u dotali li ghandhom jigu assenjati lill-Attrici.."** l-intimat jilmenta kif l-ewwel Qorti ddisponiet minn dan l-aspett tal-kawza.

[62] Fol.100

43. Ironikament, l-imputat jibda jispjega din il-parti ta' dan l-aggravji billi jghid li "l-ewwel Qorti naturalment mhux biss naqset milli tapprezza l-verzjoni tal-konvenut b'mod assolut, imma ghazlet li temmen bis-shih dak li qalet [ir-rikorrenti]". Fir-rigward tigi naturali l-osservazzjoni li l-ewwel Qorti ma setghetx "tapprezza il-verzjoni tal-intimat" ghas-semplici raguni li ma kellha quddiemha ebda verzjoni tieghu. Fl-atti hemm biss ir-risposta guramentata tieghu fejn huwa jillimita ruhhu billi jghid li hu jichad li r-rikorrenti ghandha xi krediti parafernali fil-konfront tieghu.

44. Minn naha taghha r-rikorrenti elenkat u spjegat l-ammonti dovuta lilha li hi kienet tat lill-intimat sabiex tinxtara l-proprjeta` parafernali u, ghal skopijiet ohra. Il-fatt li r-rikorrenti kienet tghaddi flus lill-intimat issib grad ta' konfort, b'referenza ghal certu perijodu ta' zmien, minn bint il-partijiet li kkonfermat li matul il-konvivenza l-intimat kien il-hin kollu jitlob flus lil ommha u li hu kien jghix minn fuq dahar ir-rikorrenti bil-flus li kienet iddahhal mix-xoghol li kienet taghmel ommha. Tghid li "Mhux talli ma kienx jikkontribwixxi ghall-familja imma dejjem gej ghal flusha. Din kienet tipprova tirrezisti biex ma taghtihx flus imma ma setghetx taghmel mod iehor ghaliex ir-ragel kien vjolenti wisq".

45. Illi l-ewwel Qorti elenkat u spjegat kif waslet ghall-konkluzjoni li r-rikorrenti ghandha kreditu parafernali fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont

komplessiv ta' €10,249.67 u din il-Qorti hija tal-fehma li mill-atti jezistu provi sufficjenti, inkluza x-xhieda tar-rikorrenti, li fuqhom setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha f'dan ir-rigward. Ghalhekk anke din il-parti tal-aggravju qed titqies mhux gustifikata.

46. Ghaldaqstant dan l-aggravju tal-intimat qed jigi milqugh limitatament biss ghal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-intimat gie ordnat li jhallas manteniment lir-rikorrenti bir-rata mensili ta' €600 u wkoll fejn gie ordnat li jaghmel tajjeb ghall-arretrat tal-manteniment mill-14 ta' Mejju 2010.

**Decide**

Ghar-ragunijiet pemessi tilqa' l-appell tal-intimat limitatament billi: tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn hu gie ordnat ihallas lir-rikorrenti manteniment b'rata ta €600 kull erba' gimghat u, minflok, tirriduci r-rata ta' manteniment li ghandu jhallas l-intimat lir-rikorrenti ghal hames mitt euro [€500] kull erba' gimghat; tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-intimat gie ordnat li jhallas l-manteniment arrettrat mill-14 ta' Mejju 2010 u, minflok, tiddikjara li l-obbligu tal-intimat li jhallas lir-rikorrent manteniment ghandu jiddekorri mit-3 ta' Dicembru 2015 jigifieri d-data meta nghatat is-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif decizi, filwaqt li l-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet, in kwantu ghal erbgha minn hamsa [$^{4}/_{5}$] mill-intimat u r-rimanenti kwint [$^{1}/_{5}$] ghandu jkun a kariku tar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb